Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,665, 16 ta' Lulju, 2021
Taqsima B

A.L. 305 tal-2021

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD
(KAP. 425)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 425.07.

Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"9. (1) Jekk jiġri li bastiment tas-sajd ta' Kategorija A jew B ma jirreġistrax xi qabda u bejgħ ta' ħut ta' valur skont l-Iskeda III, dak il-bastiment għandu jitniżżel f'reġistru temporanju fejn ikun jista' jibqa' jidher għal tliet (3) snin, f'liema perjodu għandu jerġa' jibda jopera bi sħiħ fis-sajd kummerċjali tiegħu jew inkella għandu xort'oħra jkompli jaħdem b'ritmu baxx u b'hekk għandu jiġi inkluż fil-Kategorija Ċ tar-regolament 8.

(2) Bastiment li jitlef ir-reġistrazzjoni tiegħu fil-Kategorija A jew B tal-Iskeda III u jiġi inkluż fil-Kategorija Ċ tar-regolament 8 skont is-subregolament (1) għandu jħallas elfejn, sitt mija u tlieta u tmenin euro u tletin ċenteżmu ta' euro (€2,683.30) sabiex jerġa' jikseb id-dritt tiegħu ta' reġistrazzjoni fil-kategoriji għas-sajd kummerċjali:

Iżda li, id-dritt mogħti skont dan is-subregolament ma għandux japplika għal bastimenti tas-sajd li kienu inklużi fil-Kategorija Ċ tar-regolament 8 għal perjodu ta' ħames (5) snin jew aktar wara l-applikazzjoni tas-subregolament (1).".

Verżjoni Elettronika

Iżid ir-regolament 15 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Bidliet fil-kapaċità tas-sajd u tal-qawwa tal-magna tal-bastimenti.

15. (1) Il-bastimenti tas-sajd lokali liċenzjati skont l-Att għandhom ikunu hekk liċenzjati u għandhom joperaw skont it-tunnellaġġ gross tagħhom, u f'każ ta' diskrepanzi bejn it-tunnellaġġ gross reġistrat u it-tunnellaġġ gross kif verifikat mid-Direttur għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt, obbligu u setgħa oħra tad-Direttur jew ta' kull min ikun, u mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (4) u (5), id-Direttur jista' jibdel l-ammont reġistrat ta' tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd lokali meta dan ikun xieraq skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li ssirlu applikazzjoni tas-sid jew l-operatur tal-bastiment, f'xi waħda (1) miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta wara verifika mid-Direttur tirriżulta li d-diskrepanza bejn it-tunnellaġġ gross reġistrat u t-tunnellaġġ gross verifikat tkun ta' anqas minn tunnellata grossa waħda (1), u meta fil-fehma tad-Direttur dik id-diskrepanza msemmija hija minħabba żball *bona fide*, ta' kull min jista' jkun dak l-iżball, id-Direttur jista' jikkoreġi t-tunnellaġġ gross reġistrat sabiex jaqbel mat-tunnellaġġ gross verifikat; jew

(b) meta wara verifika mid-Direttur, u tkun xi tkun id-diskrepanza li tirriżulta bejn it-tunnellaġġ gross reġistrat u t-tunnellaġġ gross verifikat, u jekk fil-fehma tad-Direttur dik id-diskrepanza msemmija ma tkunx bi kwalunkwe ħtija tal-applikant u li l-aġġustament meħtieġ ma jkunx ta' detriment għall-flotta tal-bastiment tas-sajd lokali u l-amministrazzjoni tas-sajd skont l-Att, id-Direttur jista' jibdel it-tunnellaġġ gross reġistrat sabiex jaqbel mat-tunnellaġġ gross verifikat.

(3) F'każ li sid jew operatur ta' bastiment tas-sajd lokali reġistrat japplika mad-Direttur sabiex iħassar ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd lokali u mal-istess tħassir jagħmel talba wkoll skont il-paragrafi (a) jew (b), id-Direttur jista' jagħmel dan li ġej:

Verżjoni Elettronika

(a) flok żewġ (2) bastimenti tas-sajd lokali reġistrati jew aktar, jista' jippermetti r-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd lokali wieħed (1) jekk it-tunnellaġġ gross tiegħu ma jkunx jeċċedi b'aktar minn tunnellata grossa waħda (1) tas-somma tat-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd lokali li kienu reġistrati flok dak il-bastiment;

(b) f'każijiet li fihom l-applikant ikun talab li jħassar ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd lokali u minfloku ma talabx ir-reġistrazzjoni ta' ebda bastiment jew talab ir-reġistrazzjoni ta' bastimenti wieħed (1) jew aktar li t-tunnellaġġ gross totali tagħhom ikun anqas minn dak tal-bastiment imħassar mir-reġistru, id-Direttur jista', fuq talba magħmula fl-istess ħin mat-talba għat-tħassir mir-reġistru, jippermetti lill-applikant li juża dak it-tunnellaġġ gross jew id-diskrepanza li tirriżulta b'mod konformi ma' dawn ir-regolamenti u l-applikant għandu ikun obbligat jagħmel dan sa żmien sentejn (2) mid-data ta' dak it-tħassir mir-reġistru:

Iżda li, fiċ-ċirkostanzi miġjuba fil-paragrafu (b) u li fihom l-applikant ma jagħmilx l-użu msemmi fi żmien is-sentejn (2) imsemmija, l-applikant għandu jitlef kull dritt mogħti skont l-istess paragrafu.

(4) It-tibdiliet kollha mitluba skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (2), huma soġġetti għall-ħlas ta' tmien mitt euro (€800) għal kull tunnellata grossa jew parti minnha, u ebda tibdil ma jista' jidħol fis-seħħ qabel il-ħlas tal-ammonti relevanti.

Verżjoni Elettronika

(5) Id-Direttur ma jistax iwettaq ebda tibdil kif dispost fis-subregolamenti (2) jew (3) jekk it-tunnellaġġ gross reġistrat tal-flotta kollha tal-bastimenti tas-sajd lokali jkun jeċċedi ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ammont ekwivalenti għal-limitu massimu tal-kapaċità tas-sajd iffissata għal Malta skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE kif fis-seħħ minn żmien għal żmien jew skont xi leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni Ewropea li tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-limitu massimu tal-kapaċità tas-sajd.

(6) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (2) sa (5), it-tibdil imsemmi f'dan ir-regolament jista' jkun magħmul kemm bi tnaqqis ta' jew b'żieda fuq it-tunnellaġġ gross reġistrat ta' bastiment tas-sajd lokali.

(7) Kull meta dan ir-regolament isemmi t-tunnellaġġ gross, id-Direttur jista', meta hekk jidhirlu xieraq skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, japplika l-istess dispożizzjonijiet *mutatis mutandis* għall-qawwa tal-magna.

(8) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, it-tunnellaġġ gross u l-qawwa tal-magna meħudin mill-kapaċità tas-sajd ta' Malta m'għandhomx ikunu soġġetti li jkunu jew isiru l-proprjetà ta' xi persuna, u ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tista' tinftiehem li tagħti xi dritt fuq xi reġistrazzjoni ta' tunnellaġġ gross u, jew qawwa tal-magna, jew fuq ammont ta' tunnellaġġ gross u, jew qawwa tal-magna.

(9) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, it-tunnellaġġ gross u l-qawwa tal-magna għandhom jitqiesu skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bastimenti tas-sajd.

(10) Xejn f'dan ir-regolament jew magħmul skont dan ir-regolament ma għandha tinftiehem li taffettwa xi obbligazzjoni jew responsabbiltà skont il-liġi, hux ċivili, amministrattiva u, jew kriminali skont il-każ, u dak kollu magħmul skont dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzji għall-istess.".

Verżjoni Elettronika

Dispożizzjoni transitorja.

4. B'referenza għar-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti li jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, kull ħaġa li saret jew li kellha ssir skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ma għandiex tkun affettwata minn dan ir-regolament u għandha tibqa' applikabbli kif xieraq:

Iżda li, skont ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali kwalsijasi perjodu li għadda saż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-Kategorija Ċ tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, għandu jitqies inkluż fil-kalkolu tal-perjodu ta' żmien imsemmi fil-proviso tas-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali kif sostitwit b'dawn ir-regolamenti.